**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 35 - IT-TLIETA 27 TA' SETTEMBRU 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:40.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier (wasal fit-8:25pm) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier (waslet fit-7:45pm) |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri mill-pubbliku preżenti. | |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (ES) informa li l-Kunsillier Bonello kien infurmah li se jasal tard.

## 2. SOSPENSJONI TAL-AĠENDA

2.1. Il-Kunsill qabel li jissospendi l-aġenda biex jiltaqa' ma' wieħed mill-offerenti għas-servizz tal-Perit minħabba li meta saru l-laqgħat mal-kumplament huwa kien imsiefer.

2.2. F'dan il-ħin (waqt il-laqgħa mal-Perit) waslet il-Kunsilliera Miceli. Il-ħin kien it-7:45.

## 3. OFFERTI GĦAS-SERVIZZI TA' PERIT

3.1. Il-laqgħa mal-Perit spiċċat fit-19:50 u għaldaqstant setgħet titkompla l-laqgħa tal-Kunsill.

3.2. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jgħaddi għas-suġġett numru 7 fuq l-aġenda u jieħu deċiżjoni dwar il-kuntratt tal-perizja.

3.3. Is-SE ġibed l-attenzjoni li, fid-dawl li d-differenza fil-prezz hija minima, l-ewwel kriterju għandu jkun il-kapaċità u l-kwalità fis-servizz. Huwa spjega li kien diffiċli li tasal għad-differenza fil-prezzijiet minħabba li dan huwa marbut mal-ammont ta' proġetti li jitwettqu mill-Kunsill. Għalhekk il-Bord kien ħa kalkolu ta' total ta' €300,000 proġetti u li allura, minħabba li, kuntrarju għal servizzi oħra, is-servizz ta' perit huwa essenzjalment marbut ma' proġetti, il-ħlas tiegħu jrid jingħaqad ma' dak tal-proġetti u mhux ikun ikkalkulat separatament.

3.4. Is-SE informa wkoll li waqt l-intervisti, il-bord kien qabel unanimament li tnejn mill-offerenti m'għandhomx jiġu meqjusa għaliex ma kinux konvinti li jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Kunsill.

3.5. Hawnhekk is-SE wera l-lista tal-offerenti kollha u spjega kull offerent x'kien qed joffri għas-somma li kien qed jitlob. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jagħżel l-offerta tal-kumpanija C&C Projects minħabba li kien konvint mill-kapaċità u l-kwalità tax-xogħol li jistgħu joffru u dan bi ħlas raġonevoli ħafna. Infatti huma għandhom ukoll *backup* adekwat ta' impjegati sabiex jagħmlu x-xogħol mistenni skont il-miri stabbiliti mill-Kunsill jew miċ-ċirkostanzi li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

## 4. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

4.1. Il-minuti ġew meqjusa moqrija.

4.2. Il-Kunsillier Brincat talab li ssir korrezzjoni fil-minuti preċedenti, f'para. 4.1, biex l-ewwel sentenza tiġi taqra *'Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Brincat infurmaw li kienet saret il-laqgħa bejn il-membri li wrew interess fejn hu kien għarrafhom bid-deċiżjoni tal-Kunsill biex in-numru ta' membri jkun limitat għal ħamsa'*.

4.3. Wara kunsiderazzjoni il-minuti ġew approvati kif emendati u għalhekk iffirmati mis-Sindku u s-SE.

4.4. Il-Kunsillier Brincat staqsa jekk saritx il-laqgħa mal-kumpanija Arriva. Is-Sindku infurmat li dawn kienu talbu li l-Kunsill jibgħatilhom kommunikazzjoni bil-miktub dwar il-problemi u s-suġġerimenti tiegħu. Din il-kommunikazzjoni kienet intbagħtet. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Galea kien hemm qbil li fuq il-ħarġa tal-pubblikazzjoni tal-Kunsill li jmiss jitpoġġa artiklu dwar il-ħidma tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

## 5. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

5.1. Is-Sindku infurmat li kienet qamet kwistjoni mal-Kumitat tas-Soċjetà Peace fejn dawn pubblikament, waqt attività tagħhom, kienu allegaw li l-Kunsill kien għażel bandisti għall-attività ta' Ġieħ in-Naxxar li ma kinux mir-raħal u li lanqas biss talabhom stima għalkemm huma kellhom il-*Clarinet Choir* u l-*Brass Band*. Il-President Carm Grech tas-Soċjetà kien qal ukoll li l-Kunsill lanqas biss kien irrisponda għall-ittra li ntbagħtitlu f'dan ir-rigward. Is-Sindku kienet irrispondiet dak il-ħin li dan (fir-rigward tar-risposta tal-ittra) mhux minnu. Wara li kkonfermat bit-telefon mas-SE hija kienet sodisfatta li l-ittra kienet twasslet għand is-Segretarju tal-Każin li pubblikament ukoll innega dan avolja l-ittra kienet ingħatat lilu direttament. Hija semmiet li fl-attività l-oħra pubblika tal-Banda Vittorja, il-President Farrugia kienu għamel akkuża simili fuq il-Kunsill.

5.2. Fir-risposta tal-ittra msemmija s-Soċjetà Peace kienet mgħarrfa li l-Kunsill ma kienx infurmat li kellha dawn iż-żewġ elementi l-oħra u, avolja kienet intalbet stima ta' persuna involut sewwa f'din is-soċjeta, ma kienx informa lis-SE b'dan. Infatti s-SE kien ukoll talab apoloġija lis-Soċjetà u wiegħed li għal darba oħra se jkunu kkunsidrati.

5.3. Minbarra dan, il-kwotazzjoni mingħand il-persuna qrib is-Soċjetà kienet 117% aktar minn dik tal-banda magħżula.

5.4. Sadanittant kemm il-President kif ukoll is-Segretarju tas-Soċjetà kienu ġew imsejħa għal laqgħa urġenti fil-Kunsill l-għada ta' dan l-inċident. Kien attenda biss is-Segretarju minħabba li l-President informa li kien xogħol. Is-Segretarju ammetta l-iżbalji tiegħu u wkoll li l-ittra kienet waslitlu ġimgħat qabel għalkemm, sal-ġurnata kienet għadha ma ġietx imressqa fil-laqgħa tal-kumitat. Kien għalhekk li ġiet ifformulata stqarrija u apoloġija għal dak kollu li nqala'. Huwa wiegħed permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub li din l-apoloġija tinqara pubblikament mill-President jew minnu nniffsu waqt il-kunċert ta' lejlet il-festa. Din però ma kinitx inqrat u għaldaqstant il-Kunsill kien bagħat ittra fejn ingħataw

ħmistax ċans biex jammettu l-iżball tagħhom fil-pubbliku. Is-Sindku spjegat li dan sar biex jiġi salvagwardjat l-interess tal-Kunsill.

5.5. Hawnhekk wasal il-Kunsillier Bonello. Il-ħin kien it-20:25pm.

5.6. Wara diskussjoni dwar x'għandu jsir minn issa 'l quddiem kemm-il darba l-Kunsill ma jirċevix risposta f'għeluq il-ħmistax, kien hemm qbil li għandu jintbagħat *flyer* fejn parti minnu għandu jkun hemm spjegazzjoni veritarja. Il-Kunsilliera Galea u Brincat ma qablux li għandu jintbagħat il-*flyer* sakemm ma jinstabx *sponsor* minħabba li jqisu li huwa ħela ta' flus. Min-naħa tagħha, il-Kunsilliera Miceli wriet in-nuqqas ta' qbil għaliex sostniet li inkella l-Kunsill ikun qed jagħti wisq importanza lil din il-materja. Finalment il-Kunsill qabel li jintbagħat il-*flyer* li iżda għandu jamalgama miegħu informazzjoni oħra tal-Kunsill u li possibilment jinstab *sponsor* għalih.

5.7. F'dan il-ħin, minħabba li kien hemm xi Kunsillieri li qabdu u qamu biex ipejpu, is-SE ġibed l-attenzjoni li dan huwa kontra r-regolamenti u juri nuqqas ta' rispett lejn is-Sedja u lejn il-Kunsill. Huwa għalhekk fakkar li biex wieħed iqum minn postu kellu jitlob il-permess mingħand is-Sindku. Huwa saħaq li kien essenzjali li l-membri jagħtu importanza kbira lil-laqgħa u li għalhekk għandhom ikunu ffukati fuq dak li jkun qed jiġri fil-laqgħa. Huwa fakkar li dan kollu joħroġ, b'mod partikulari, mis-Sitt Skeda tal-Ordnijiet Permanenti tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

## 6. RAPPORT DWAR BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

6.1. Iċ-*Chairperson* infurmat li kienet attendiet flimkien mas-Sur Joseph Woods għal laqgħa dwar *training needs*. Hija infurmat li dawn is-seminars huma verament interessanti u ssuġġeriet li l-Kunsilliera għandhom jattendu għalihom għaliex huma tassew informattivi.

6.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet attendiet għal laqgħa mal-kuntrattur Ricky Caruana li kien issuġġerixxa xi tisbiħ fil-ġnien ta' quddiem il-Knisja bit-tema ta' San Franġisk. Hija infurmatu li ma kinitx taqbel ma' din l-idea iżda kienet għadha trid tinforma lill-membri tal-Kumitat tagħha kif ukoll lill-Kunsill u lill-Ministeru dwar il-proposti tiegħu. Hija infurmat li kellu proposta oħra biex jibni arloġġ tax-xemx b'dinja fin-nofs u s-sinjali żodijaċi, liema tisbiħ seta' jiġi ffinanzjat kollu minn Fond għall-Arti. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma' din il-proposta iżda din għandha tkun approvata l-ewwel mill-Kumitat Amministrattiv.

6.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li l-Ħamis li ġej kellha laqgħa fir-rigward tal-*caravan site* u l-*camping site* li hemm f'BIĊ.

6.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kellha laqgħa oħra aktar tard dik il-ġimgħa dwar proġett ippjanat li jinvolvi l-komunità kollha. Għal din il-laqgħa kien se jkun hemm rappreżentant tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

6.5. Is-Sinj. Cuomo rrappurtat ukoll li matul dik il-ġimgħa kienet inħarġet in-*newsletter* tal-Kumitat. Il-Kunsilliera kollha wrew sodisfazzjon kemm mil-lat tal-informazzjoni kif ukoll kif tiġi preżentata din in-*newsletter*.

6.6. Is-Sinj. Cuomo talbet l-għajnuna tal-Kunsill minħabba li hemm kanal fi Triq il-Kampanjol li għandu bżonn li jitnaddaf. Kien hemm qbil li minħabba li qiegħed fil-wied, il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-MRRA jew stima għalih.

## 7. RAPPORT DWAR IS-SOTTOKUMITAT TAS-SGĦAJTAR

7.1. Il-Kunsillier Brincat informa li l-kumitat kien għaddielu numru ta' lmenti u talbiet. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu mgħoddija lis-SE.

7.2. Il-Kunsillier Brincat informa wkoll li dawn kienu għamlu talba li jsir avviż fuq il-websajt tal-Kunsill dwar is-sottokumitat sabiex aktar residenti minn din iż-żona jkunu jafu bihom. Talbu wkoll li jitpoġġa artiklu fuq il-pubblikazzjoni li jmiss. Il-Kunsill qabel maż-żewġ talbiet.

7.3. Il-Kunsillier Brincat informa li s-sottokumitat kien talab li tintbagħat ittra lil-lokalità biex kull min għandu rampa quddiem il-garaxx ineħħiha. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba għalkemm jaqbel fil-prinċipju li idealment m'għandux ikun hemm ranep fuq it-triq. Manadkollu dan jista' joħloq ħafna problemi.

7.4. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Brincat dwar min hu responsabbli dwar siġar li jkunu jixxebilku mir-residenzi, is-SE informa li idealment dawn għandhom jinqatgħu mir-resident inniffsu. Fejn ikun hemm problema, għandhom jitwasslu d-dettalji fl-uffiċċju tal-Kunsill u jittieħdu l-passi neċessarji.

## 8. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL

8.1.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. Il-lista kienet approvata (annessa f'A).

8.1.2. *Spejjeż relatati mal-irranġar tal-faċċata:* Is-SE informa li kienet saret manutenzjoni tal-faċċata tal-Kunsill u għaldaqstant kellhom jinbidlu l-kliem u l-arma li kien hemm imwaħħla. Dan se jiswa €758. Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati.

8.1.3. *Xogħol ta' manutenzjoni fil-latrina:* Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-latrini li hemm fiċ-ċentru kienu f'sitwazzjoni ħażina ħafna u kien qed jipproponi li jsir xi rranġar fihom. Kien hemm qbil li x-xogħol meħtieġ għandu jsir iżda, qabel ma jiddeċiedi eżatt x'se jinkludi fix-xogħol, kien hemm qbil li sal-laqgħa li jmiss il-Kunsill għandu jġib stima għal dawn ix-xogħlijiet ħalli jkollu l-ewwel idea ta' prezz. Il-Viċi Sindku kien awtorizzat jikseb l-istima inizjali. Eventwalment kien hemm qbil biex ikun ikkonsultat il-perit fuq opzjonijiet u stimi reali li jistgħu jinkludu wkoll bini mill-ġdid u/jew irranġar estensiv.

8.1.4. *Dwal tal-Milied:* Is-Sindku proponiet li għal din is-sena jiżdied dawl dekorattiv fi Triq il-Musbieħ. Il-Kunsillier Galea informa li hu ma kienx jaqbel li għandu jiżdied id-dawl dekorattiv u, minflok, kien jippreferi li l-flus inżiduhom mal-attività għar-Raħal fil-Milied. Is-Sindku infurmatu li l-Kunsill kien diġà qabel li għandu jsir hekk billi jżid id-dawl u fl-istess waqt jorganizza attività iżgħar b'isem differenti sabiex in-nies ma jħaltuhiex mar-Raħal fil-Milied. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandu jsir biss festival żgħir u suq tal-Milied possibilment nhar l-4 ta' Diċembru.

## 9. L-ITTRA TA' DIREZZJONI MILL-AWDITURI

9.1. Is-SE irrefera għall-ittra ta' direzzjoni mill-awdituri. Huwa informa li kien hemm numru ta' punti f'din l-ittra li huwa ma kienx qed jaqbel magħhom. Huwa infatti ressaq abbozz bir-risposti dettaljati, li kienu mibgħuta minn qabel lil kull Kunsillier.

9.2. Il-Kunsill qabel perfettament mal-abboz tar-risposta li ħejja għall-ittra ta' direzzjoni.

## 10. DEĊIŻJONI FUQ OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

10.1. ***Offerti għal xogħol ta' kisi mill-ġdid u traqqigħ tat-toroq:*** Is-SE informa li kien hemm żewġ offerenti; Philip Agius and Sons Ltd u Central Asphalt. Huwa spjega li bħala Kunsill kien ħadem maż-żewġ kuntratturi u kien iqishom fuq l-istess livell. Għalhekk il-Kunsill għażel l-irħas offerta, jiġifieri dik ta' Central Asphalt.

10.2. ***Kwotazzjonijiet għall-istampar tad-direttorju tan-negozji***: Is-SE informa li kien hemm tliet kwotazzjonijiet, fejn l-irħas wieħed kienet dik ta' Print It għalkemm kienet għall-istampar biss. Il-Kunsill qies li, anki jekk wieħed ikollu jnaqqas id-disinn taż-żewġ kwotazzjonijiet l-oħra, Print It xorta kien jibqa' l-irħas. Kien hemm qbil li għandha tintagħżel din l-offerta filwaqt li jinstab disinjatur li jaħdem dan il-fuljett b'inqas minn €350.

**11. ĦRUĠ TA' OFFERTI**

11.1. *Servizz ta' accountant:* Is-SE irrefera għall-abbozz tal-offerta li kien għadda lil kull Kunsillier. Kien hemm qbil li s-SE għandu jmexxi bil-ħruġ tal-offerta skont l-abbozz, inkluż xi rranġar li jista' jipproponi l-avukat, u li l-kuntratt ikun fuq tul ta' sena li jista' jiġġedded sa tliet snin.

11.2. *Xogħol ta' aperturi b'double/triple glazing (taħt l-iskema tal-iffrankar tal-enerġija):* Is-SE informa li l-Gvern Ċentrali kien se jgħaddi l-ammont ta' madwar €3000 lill-Kunsill sabiex isiru aperturi ġodda taħt l-iskema tal-iffrankar tal-enerġija. Minħabba li dan kellu jkun nofs is-somma li għandha tiġi tintefaq bħala total, il-Kunsill qabel li għandu joħroġ €3000 oħra għal total ta' €6000. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jġib kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol però fuq *triple* mhux *double glazing*. Is-SE informa wkoll li kien qiegħed jikkonsulta mal-avukat dwar l-abbozzar tal-kuntratt.

11.3. Websajt dwar il-*Heritage Trail* (Proġett taħt il-miżura 313): Is-SE informa lill-Kunsill li se tinħareġ offerta għal websajt għaliex il-Kunsill kien kommess li jagħmel websajt dwar il-*heritage trail* bħala parti mill-istess proġett. Huwa informa li għal dan il-proġett il-Kunsill kien ingħata €45,000 li jinkludu tpoġġija ta' sinjali, laned tal-iskart u tfassil ta' websajt. Is-SE informa wkoll li kien qiegħed jikkonsulta mal-avukat dwar l-abbozzar tal-kuntratt.

**12. L-ATTIVITAJIET TAĦT L-ISKEMA TAL-ATTIVITAJIET**

12.1. Is-SE informa li kien applika għall-ammont massimu ta' €10000 fir-rigward ta' memo 65 dwar l-iskema tal-attivitajiet. Huwa informa li applika bħala proġett wieħed bl-attivitajiet kollha deċiżi mill-Kunsill fil-laqgħa ta' qabel minħabba li ma kienx possibbli li ssir applikazzjoni għal aktar minn attività waħda. Il-Kunsill qabel.

**13. IS-SITWAZZJONI TAR-RIŻORSI UMANI FIL-KUNSILL**

13.1. Is-SE informa li s-Sinj. Josette Micallef, li ilha taħdem fil-Kunsill għal dawn l-aħħar sittax-il sena, kienet ġiet magħżula għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Imtarfa u għaldaqstant dalwaqt kien se se jkollha ttemm is-servizzi tagħha mal-Kunsill tan-Naxxar. Dan kien ifisser li l-Kunsill kien se jkollu vakanza u li għaldaqstant dalwaqt kien se jerġa' jibda l-proċess ta' ingaġġar ġdid.

13.2. Sadanittant fakkar ukoll li s-Sur John Attard Montalto kien ilu kwazi ħames xhur li beda jagħti servizz mal-Kunsill u li qabel ma jgħaddu s-sitt xhur il-Kunsill kien se jkollu jiddeċiedi jekk għandux jikkonferma l-ingaġġ tiegħu. Huwa informa li fil-preżent huwa kien qed jevalwa sewwa x-xogħol u l-andament tiegħu sabiex ikun jista' jgħaddi rapport ġust lill-Kunsill waqt il-laqgħa li jmiss.

**14. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

14.1. Il-Kunsillier Galea informa li s-Sinj. Speranza Xuereb u Josephine Hili kienu tkellmu miegħu sabiex il-Kunsill jara jekk hux aħjar li l-*exhibition boards* jinxtraw minflok jinkrew. Is-SE informa li għal din is-sena ma kienx hemm ħin biżżejjed biex jevalwa din is-sitwazzjoni.

14.2. Is-SE informa lill-Kunsill li sabiex tittaffa parti mill-ispiża tal-Wirja tal-Arti, Delizzji u Snajja u biex jgħola l-livell tal-wirja, kien qed ikun suġġerit li minn din is-sena jkun hemm ħlas nominali għal kull parteċipant skont l-ispazju meħud. B'dan il-parteċipanti aktar japprezzaw il-valur ta' organizzazzjoni bħal din. Il-Kunsill qabel.

14.3. Hawnhekk il-Kunsillier Bonello u s-Sinjura Cuomo skużaw ruħhom mil-laqgħa. Il-ħin kien l-22:35.

14.4. Il-Kunsillier Galea informa li t-tim tal-futsal tan-Naxxar Lions kien talab li jibda juża l-grawnd ta' quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ma jkunx hemm ebda spiża għall-Kunsill. Kemm-il darba jkun hemm xi ħlasijiet involuti, dawn għandhom jitħallsu minnhom. Għaldaqstant is-SE kien mitlub jindaga dwar meta huwa meħtieġ u jekk jinvolvix spejjeż għall-Kunsill.

14.5. Qabel ma ġiet fi tmiemha l-laqgħa kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru 2011 fis-19:30.

14.6. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-22:40.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

**Kunsill Lokali: Naxxar** | **Skeda Nru. Laqgha 35**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 ta' Awwissu 2011 sat-23 ta' Settembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 3a Malta Ltd. | €3,540.00 | €3,540.00 | D | PF | Accounting services | 31/07/2011 | 2013870 | n/a | n/a | 3160 | |
| 2 | Adi Associates | €95.67 | €95.67 | D | PF | review of planning applications - August 2011 | 31/08/2011 | 888 | n/a | n/a | 3130 | |
| 3 | Adi Associates | €529.06 | €529.06 | D | PF | fresh drawings re. PA 04959/10; Decision follow-up re. PA 05926/08 & Decision follow-up re. PA 05942/08 | 31/08/2011 | 889 | n/a | n/a | 3130 | |
| 4 | Agricultural Co-operative Ltd. | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden maintenance for July 2011 | 31/07/2011 | 10749 | n/a | n/a | 3061 | |
| 5 | Air Malta Ltd. | €5,631.42 | €5,631.42 | D | PF | flight tickets for Mornago - Sept. 2011 | 31/08/2011 | email dated 31st Aug, 2011 | n/a | n/a | 3330 | 14767 |
| 6 | Amanda Grima | €1,248.96 | €1,248.96 | T | PF | Accountancy Services as approved during Council meeting number 34. | 16/05/2011 | NLC_Acc_201001 & NLC_Acc_201002 | n/a | n/a | 3160 | |
| 7 | AMJ Legal Consultants | €177.00 | €177.00 | T | PF | retainer fees for the month of August 2011 | 01/09/2011 | 94 of 2011 | n/a | n/a | 3140 | |
| 8 | Annabelle Attard | €400.00 | €400.00 | K | PF | Zumba class of 8th April, 2011 (10 sessions) | 17/06/2011 | 22011 | n/a | n/a | 3381 | |
| 9 | Annabelle Attard | €400.00 | €400.00 | K | PF | Zumba class of 29th April, 2011 (10 sessions) | 17/06/2011 | 32011 | n/a | n/a | 3381 | |
| 10 | Annabelle Attard | €400.00 | €400.00 | K | PF | Zumba class of 9th April, 2011 (10 sessions) | 17/06/2011 | 42011 | n/a | n/a | 3381 | |
| 11 | Annabelle Attard | €700.00 | €700.00 | K | PF | Zumba classes of 8th June, 2011 and of 16th June, 2011 (10 sessions each) - *BIC Courses* | 15/09/2011 | 72011 | n/a | n/a | 3381 | |
| 12 | Archway Ironmongery | €151.76 | €151.76 | D | PF | ramel, zrar, cement etc | Lul-11 | 31754 | 3635, 3643, 3650 | 3635, 3643, 3650 | 3051 | |
| 13 | Arms Ltd. | €1,692.07 | €1,692.07 | D | PF | electricity and water consumption bills for the period between 22nd April 2011 & 17th June 2011 - Naxxar Local Council offices | 11/08/2011 | 13946838 | n/a | n/a | 2130 | 14775 |
| 14 | Arms Ltd. | €715.27 | €715.27 | D | PF | electricity and water consumption bills for the period between 25th Feb 2011 & 22nd June 2011 - Water Pump | 25/08/2011 | 14030388 | n/a | n/a | 2130 | 14776 |
| 15 | Arms Ltd. | €100.26 | €100.26 | D | PF | electricity and water consumption bills for the period between 25th Feb 2011 & 22nd June 2011 - Gnien Hamrija | 25/08/2011 | 14030072 | n/a | n/a | 2130 | 14777 |
| | **Sub Total c/f** | **€19,262.47** | **€19,262.47** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,262.47** | **€19,262.47** | | | | | | | | | |

Sindku | Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier | Kunsillier

A

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 35**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 ta' Awwissu 2011 sat-23 ta' Settembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Arms Ltd. | €265.83 | €265.83 | D | PF | electricity and water consumption bills for the period between 25th Feb 2011 & 27th May 2011 - Pelican Lights | 25/08/2011 | 14030071 | n/a | n/a | 2130 | 14778 |
| 17 | Arms Ltd. | €360.01 | €360.01 | D | PF | electricity and water consumption bills for the period between 25th Feb 2011 & 22nd June 2011 - Gnien l-Eghnieq | 25/08/2011 | 14030070 | n/a | n/a | 2130 | 14779 |
| 18 | Arms Ltd. | €226.91 | €226.91 | D | PF | electricity and water consumption bills for the period between 25th Feb 2011 & 22nd June 2011 - Gnien l-Unjoni Ewropeja | 25/08/2011 | 14030068 | n/a | n/a | 2130 | 14780 |
| 19 | Arms Ltd. | €124.33 | €124.33 | D | PF | electricity and water consumption bills for the period between 25th Feb 2011 & 22nd June 2011 - Public Garden and parking | 25/08/2011 | 14030069 | n/a | n/a | 2130 | 14781 |
| 20 | Artisans Centre | €108.32 | €108.32 | D | PF | Silver plating complete with engraving & presentation box | 02/09/2011 | 1163 | 3676 | 3676 | 3330 | |
| 21 | Audio Visual Centre Ltd. | €233.01 | €228.40 | D | PF | Purchase of books for library. | 18/08/2011 | 340048 | n/a | n/a | 2995 | |
| 22 | B. Grima & Sons Ltd. | €53.10 | €53.10 | K | PF | sign faces - no stopping 60cm diameter | 02/09/2011 | 2596 | 3672 | 3672 | 7230 | |
| 23 | CDA Ink & Toner Recharging Ltd. | €56.99 | €56.99 | D | PF | empty toner cartridge hp ce; hp ce285a; hp laserjet pro m1132 mfp | 09/08/2011 | 3359 | 3680 | 3680 | 2610 | |
| 24 | CDA Ink & Toner Recharging Ltd. | €185.26 | €185.26 | D | PF | hp 64a; hp 1215; hp 1215 cyan | 25/08/2011 | 3416 | 3655 | 3655 | 2610 | |
| 25 | CDA Ink & Toner Recharging Ltd. | €44.99 | €44.99 | D | PF | hp ce285a | 13/09/2011 | 3468 | 3674 | 3674 | 2610 | |
| 26 | Central Asphalt Ltd. | €1,971.20 | €1,971.20 | T | PF | works carried out at Triq Santa Marija, Naxxar - Retention | 22/08/2011 | 41177 | 3673 | 3673 | 2311 | |
| 27 | Charles Butcher | €29.53 | €29.53 | D | PF | Maltese sausages | 07/09/2011 | 2414 | 3677 | 3677 | 3330 | |
| 28 | Charlie Mifsud | €1,625.00 | €1,625.00 | T | PF | weed cutting of Non-Urban Roads - August 2011 | 31/08/2011 | 901 | n/a | n/a | 3052 | |
| 29 | Charlie Mifsud | €2,811.90 | €2,811.90 | T | PF | Beach cleaning services - August 2011 | 31/08/2011 | 900 | n/a | n/a | 3063 | |
| 30 | Charlie Mifsud | €2,130.78 | €2,130.78 | T | PF | extra work - August 2011 | 31/08/2011 | 902 | n/a | n/a | 3063 | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,227.16** | **€10,222.55** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€19,262.47** | **€19,262.47** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€29,489.63** | **€29,485.02** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**Kunsill Lokali: Naxxar**

**Skeda Nru. Laqgha 35**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 ta' Awwissu 2011 sat-23 ta' Settembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Charlie Mifsud | €59.00 | €59.00 | T | PF | service of a truck rendered in August 2011 for Bahar ic-Caghaq zone | 31/08/2011 | 905 | n/a | n/a | 3052 | |
| 32 | Christian Galea | €5,833.33 | €5,833.33 | T | PF | street sweeping - August 2011 | 31/08/2011 | 100 | n/a | n/a | 3051 | |
| 33 | Clint Muscat | €25.00 | €25.00 | D | PF | tower ladder service | 01/09/2011 | 55 | n/a | n/a | 2375 | |
| 34 | C.S.D. Office Trade | €265.26 | €265.26 | D | PF | HP C6578A colour, HP 51645A black, etc | 07/09/2011 | 36088 | 3674 | 3674 | 2620 | |
| 35 | Dentrade Ltd. | €86.90 | €86.90 | K | PF | soft drinks for Sunday 4th Sept. event. Donations to M.C.C.F. | 31/08/2011 | 101991 | 3665 | 3665 | 3360 | |
| 36 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | advert on the Malta Government gazette re: Peace trailor | 19/08/2011 | n/a | n/a | n/a | 2940 | 14687 |
| 37 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert for Festa Vittorja dated 06.09.11 | 02/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 2940 | 14771 |
| 38 | Dr Maria Fatima Deguaura | €795.50 | €795.50 | D | PF | Mayor's August allowance | 26/08/2011 | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 39 | Eco Pure Ltd. | €17.47 | €17.47 | D | PF | supply of mineral water | 01/12/2008 | 436940 | n/a | n/a | 3320 | |
| 40 | Eco Pure Ltd. | €17.46 | €17.46 | D | PF | supply of mineral water | 11/07/2009 | 452716 | n/a | n/a | 3320 | |
| 41 | Fr Eddie Pace | €1,000.00 | €1,000.00 | D | PF | usage of Hall at BIC church (July - Dec11) | 05/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 3381 | 14773 |
| 42 | G4s Security Services Ltd. | €159.81 | €159.81 | D | PF | cash collection services - August 2011 | 31/08/2011 | GS003382 | n/a | n/a | 3190 | |
| 43 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - August 2011 | 31/08/2011 | 2439 | n/a | n/a | 3065 | |
| 44 | Georgina Grima | €578.73 | €578.73 | D | PF | Nursing fees - July 2011 | 31/07/2011 | n/a | n/a | n/a | 3150 | |
| 45 | Georgina Grima | €548.43 | €548.43 | D | PF | Nursing fees - August 2011 | 31/08/2011 | n/a | n/a | n/a | 3150 | |
| | **Sub Total c/f** | **€9,678.07** | **€9,678.07** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€29,489.63** | **€29,485.02** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€39,167.70** | **€39,163.09** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 35**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 ta' Awwissu 2011 sat-23 ta' Settembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Go plc. | €121.29 | €121.29 | D | PF | Call charge for July 2011 and rental charge for August 2011 (21416341 & 21423327) | 10/08/2011 | 26363638 | n/a | n/a | 2160 | 14692 |
| 47 | Go plc. | €19.14 | €19.14 | D | PF | Call charge for July 2011 and rental charge for August 2011 (21416363) | 10/08/2011 | 26363640 | n/a | n/a | 2160 | 14693 |
| 48 | Go plc. | €229.85 | €229.85 | D | PF | Call charge for July 2011 and rental charge for August 2011 (21417224) | 10/08/2011 | 26363645 | n/a | n/a | 2160 | 14694 |
| 49 | Grace Camilleri | €187.52 | €187.52 | D | PF | librarian service for the month of August 2011 | 31/08/2011 | n/a | n/a | n/a | 2995 | |
| 50 | Green Supplier Ltd. | €47.20 | €47.20 | D | PF | flower arrangement delivered to NLC on 03/04/2011 | 05/09/2011 | 14025 | 3666 | 3666 | 3360 | |
| 51 | Honey & Cream | €206.74 | €206.74 | K | PF | chicken vel au vents, baquettes, etc | 04/09/2011 | 319 | 3663 | 3663 | 3360 | |
| 52 | Hydrolectric Ltd. | €112.21 | €112.21 | D | PF | New electrical sockets for conference table | 23/08/2011 | 20441 | 3659 | 3659 | 3320 | |
| 53 | Inspiration Art Décor | €100.30 | €100.30 | D | PF | Wrapping paper & ribbon | 29/08/2011 | 5095 | 3660 | 3660 | 3330 | 14690 |
| 54 | JB Stores Ltd. | €52.77 | €52.77 | D | PF | clothing to make traditional costums for Mornago visit in Sept. 2011 | 23/08/2011 | 10458 | 3658 | 3658 | 3330 | |
| 55 | Jurgen Attard | €1,352.40 | €1,352.40 | T | PF | Handymen service for August 2011 | 31/08/2011 | Awi-11 | n/a | n/a | 3125 | |
| 56 | Jurgen Attard | €128.70 | €128.70 | T | PF | Football Ground Guardian - July 2011 | 30/07/2011 | 1156690 | n/a | n/a | 3191 | |
| 57 | Jurgen Attard | €120.90 | €120.90 | T | PF | Football Ground Guardian - August 2011 | 30/08/2011 | 1156691 | n/a | n/a | 3191 | |
| 58 | Kumitat Festi Esterni Marija Bambina | €130.00 | €130.00 | D | PF | advert for NLC on a whole page in the booklet of Festa Marija Bambina Naxxar 2011 | 13/09/2011 | 687 | n/a | n/a | 2940 | |
| 59 | Leo's Garage Paramount | €327.01 | €327.01 | K | PF | transport services for the elderly - July 2011 | 31/07/2011 | 23921 | 3641 | 3641 | 3380 | |
| 60 | Leo's Garage Paramount | €167.75 | €167.75 | K | PF | transport services for the elderly - August 2011 | 31/08/2011 | 23991 | n/a | n/a | 3380 | |
| | **Sub Total c/f** | **€3,303.78** | **€3,303.78** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€39,167.70** | **€39,163.09** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€42,471.48** | **€42,466.87** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 35

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: mid-19 ta' Awwissu 2011 sat-23 ta' Settembru 2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | The Lighthouse Keepers | €32.03 | €32.03 | T | PF | Job Number: 1025/ ref. no.: 5417 | 26/08/2011 | KLNX1025 | n/a | n/a | 3065 | |
| 62 | The Lighthouse Keepers | €47.27 | €47.27 | T | PF | Job Number: 1027/ ref. no.: 5444 | 26/08/2011 | KLNX1027 | n/a | n/a | 3065 | |
| 63 | The Lighthouse Keepers | €47.08 | €47.08 | T | PF | Job Number: 1024/ ref. no.: 5416 | 26/08/2011 | KLNX1024 | n/a | n/a | 3065 | |
| 64 | The Lighthouse Keepers | €62.17 | €62.17 | T | PF | Job Number: 1023/ ref. no.: 5381 | 26/08/2011 | KLNX1023 | n/a | n/a | 3065 | |
| 65 | The Lighthouse Keepers | €214.35 | €214.35 | T | PF | Job Number: 928/ ref. no.: 4966 | 12/09/2011 | KLNX928 | n/a | n/a | 3065 | |
| 66 | The Lighthouse Keepers | €30.20 | €30.20 | T | PF | Job Number: 1026/ ref. no.: 5443 | 12/09/2011 | KLNX1026 | n/a | n/a | 3065 | |
| 67 | The Lighthouse Keepers | €35.53 | €35.53 | T | PF | Job Number: 1029/ ref. no.: 5486 | 12/09/2011 | KLNX1029 | n/a | n/a | 3065 | |
| 68 | The Lighthouse Keepers | €56.39 | €56.39 | T | PF | Job Number: 1028/ ref. no.: 5464 | 12/09/2011 | KLNX1028 | n/a | n/a | 3065 | |
| 69 | The Lighthouse Keepers | €292.40 | €292.40 | T | PF | Job Number: 1020/ ref. no.: 5371 | 12/09/2011 | KLNX1020 | n/a | n/a | 3065 | |
| 70 | The Lighthouse Keepers | €292.40 | €292.40 | T | PF | Job Number: 1019/ ref. no.: 5370 | 12/09/2011 | KLNX1019 | n/a | n/a | 3065 | |
| 71 | The Lighthouse Keepers | €265.94 | €265.94 | T | PF | Job Number: 1021/ ref. no.: 5372 | 12/09/2011 | KLNX1021 | n/a | n/a | 3065 | |
| 72 | The Lighthouse Keepers | €531.87 | €531.87 | T | PF | Job Number: 924/ ref. no.: 4962 | 12/09/2011 | KLNX924 | n/a | n/a | 3065 | |
| 73 | The Lighthouse Keepers | €114.70 | €114.70 | T | PF | Job Number: 976/ ref. no.: 5175 | 12/09/2011 | KLNX976 | n/a | n/a | 3065 | |
| 74 | The Lighthouse Keepers | €33.44 | €33.44 | T | PF | Job Number: 1001/ ref. no.: 5279 | 12/09/2011 | KLNX1001 | n/a | n/a | 3065 | |
| 75 | The Lighthouse Keepers | €265.94 | €265.94 | T | PF | Job Number: 955/ ref. no.: 5090 | 09/09/2011 | KLNX955 | n/a | n/a | 3065 | |
| | **Sub Total c/f** | **€2,321.71** | **€2,321.71** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€42,471.48** | **€42,466.87** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€44,793.19** | **€44,788.58** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 35

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 ta' Awwissu 2011 sat-23 ta' Settembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Lilian Bazaar | €32.00 | €32.00 | D | PF | 5 caps for Mornago visit - Sept. 2011 | 05/09/2011 | 5213052 | 3671 | 3671 | 3330 | |
| 77 | Mailbox Services Ltd. | €276.81 | €276.81 | D | PF | door-to-door distribution - Naxxar LC Magazine | 26/08/2011 | n/a | n/a | n/a | 2640 | |
| 78 | Martin Vassallo Lifting Service | €35.00 | €35.00 | D | PF | lifting of gutters at Triq San Pawl | 31/08/2011 | 1164 | 3670 | 3670 | 3051 | |
| 79 | Malta Community Chest Fund (MCCF) | €200.00 | €200.00 | D | PF | donations collected by members of Naxxar Local Council and staff | 02/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 3390 | 14772 |
| 80 | Mdina Glass Ltd. | €180.00 | €180.00 | D | PF | glass trays 12cm x 12cm incl. engraving | 02/09/2011 | 8012 | 3668 | 3668 | 3330 | |
| 81 | Melita | €18.29 | €18.29 | D | PF | telephony service - August 2011 | 01/08/2011 | 30864659 | n/a | n/a | 2160 | 14695 |
| 82 | Malta Tourism Authority (MTA) | €424.80 | €424.80 | D | PF | 16 re-enactors | 02/07/2010 | 101686 | n/a | n/a | 3360 | |
| 83 | Malta Tourism Authority (MTA) | €250.00 | €250.00 | D | PF | 50 books "Inside Malta & Gozo" | 24/08/2011 | n/a | n/a | n/a | 3330 | 14689 |
| 84 | My Malta Info.com | €59.00 | €59.00 | D | PF | advert: x3 additional shots for virtual tour | 06/09/2011 | VT11005b | n/a | n/a | 2940 | |
| 85 | Naxxar Scouts Group | €120.00 | €120.00 | D | PF | 4 particpants that attended the August 2011 Summer Sports Camp & paid through the NLC | email dated 09/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 3381 | |
| 86 | Refund for Mr Christopher Warren | €40.00 | €40.00 | D | PF | refund for Zumba Course in respect of his wife | 24/08/2011 | n/a | n/a | n/a | 3381 | 14688 |
| 87 | Refund for Ms Caroline Harrington | €40.00 | €40.00 | D | PF | refund for Zumba Course | 01/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 3381 | 14770 |
| 88 | Refund for Mr Albert Camilleri | €116.47 | €116.47 | D | PF | deposit of machinery at Triq Andrea Debono | 15/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14783 |
| 89 | Refund for Ms Daniela Mary Lauri | €120.00 | €120.00 | D | PF | deposit of machinery at Triq iz-Zonqor | 15/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14784 |
| 90 | Refund for Ms Jane Brincat | €110.00 | €110.00 | D | PF | deposit of machinery at Triq Santa Lucija | 15/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14785 |
| | **Sub Total c/f** | **€2,022.37** | **€2,022.37** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€44,793.19** | **€44,788.58** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€46,815.56** | **€46,810.95** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 35**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 ta' Awwissu 2011 sat-23 ta' Settembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 91 | Refund for Mr Raymond Mintoff | €230.00 | €230.00 | D | PF | deposit of machinery at Triq San Pawl | 15/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14786 |
| 92 | Refund for Mr Joseph Sultana | €230.00 | €230.00 | D | PF | deposit of machinery at Triq l-Alfier | 15/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14788 |
| 93 | Refund for Mr Clint Catania | €233.00 | €233.00 | D | PF | deposit of machinery at Triq ic-Cirasa | 15/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14789 |
| 94 | Refund for Mr Lawrence Gatt | €116.47 | €116.47 | D | PF | deposit of machinery at Triq in-Nafra c/w Triq Jean De La Vallette | 15/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14790 |
| 95 | Refund for Mr Marlon Brincat | €110.00 | €110.00 | D | PF | deposit of machinery at Pjazza Vittorja | 15/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 4006 | |
| 96 | Reimbursement for Mr Paul Gatt as per expenses made in Mornago Twinning | €27.50 | €27.50 | D | PF | Expenses made in Mornago Twinning Sept. 2011 | 16/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 3330 | |
| 97 | Reimbursement for Ms Josette Micallef | €105.00 | €105.00 | D | PF | Refund due to payment made obo NLC for an accomodation in Mornago, Sept. 2011 | 06/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 3330 | 14782 |
| 98 | Reimbursement for Mr Dylon Bezzina | €177.00 | €177.00 | D | PF | For flight ticket to Mornago | 01/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 3330 | 14769 |
| 99 | Reuben Seychell Photography | €70.00 | €70.00 | D | PF | photography services - Karnival 2011 | 31/08/2011 | NLC/057 | n/a | n/a | 2925 | |
| 100 | Reuben Seychell Photography | €70.00 | €70.00 | D | PF | photography services - Gieh in-Naxxar 2011 | 31/08/2011 | NLC/058 | n/a | n/a | 2925 | |
| 101 | Reuben Seychell Photography | €70.00 | €70.00 | D | PF | photography services - Presentation to Community Chest Fund 2011 | 31/08/2011 | NLC/059 | n/a | n/a | 2925 | |
| 102 | Ricky Caruana | €467.00 | €467.00 | T | PF | cleaning service for the month of August 2011 | 31/08/2011 | NLC08_2011 | n/a | n/a | 3055 | |
| 103 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Cleaning and attendant service at the public convenience - August 2011 | 31/08/2011 | NLC08_2011 | n/a | n/a | 3053 | |
| 104 | Staff Salaries | €7,751.06 | €7,751.06 | D | PF | staff wages for the month of August 2011 | 26/08/2011 | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 105 | Victor Mula | €1,293.60 | €1,293.60 | T | PF | Handymen service - August 2011 | 31/08/2011 | Awi-11 | n/a | n/a | 3125 | |
| | **Sub Total c/f** | **€11,800.63** | **€11,800.63** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€46,815.56** | **€46,810.95** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€58,616.19** | **€58,611.58** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 35**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mid-19 ta' Awwissu 2011 sat-23 ta' Settembru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 106 | Vodafone Mt | €98.09 | €98.09 | D | PF | telephony service - August 2011 | 01/09/2011 | 2576149092011 | n/a | n/a | 2160 | |
| 107 | WasteServ Malta Ltd. | €4,757.34 | €4,757.34 | D | PF | Allocated MSW waste - July 2011 (293.15 Tonnes) | 16/08/2011 | 11881 | n/a | n/a | 3040 | |
| 108 | Ricky Caruana | €1,298.00 | €1,298.00 | T | PF | Public Convenience Cleaning - September 2011 | 28/09/2011 | NLC09_2011 | n/a | n/a | 3053 | |
| 109 | Ricky Caruana | €488.00 | €488.00 | T | PF | Civic Centre Cleaning - September 2011 | 28/09/2011 | NLC09_2011 | n/a | n/a | 3055 | |
| 110 | Paul Gatt | €1,000.00 | €1,000.00 | D | PF | Advanced iro of Mornago Visit to pay for extras of Hotel and other expenses | 07/09/2011 | | n/a | n/a | 3800 | |
| 111 | | | | | | | | | | | | |
| 112 | | | | | | | | | | | | |
| 113 | | | | | | | | | | | | |
| 114 | | | | | | | | | | | | |
| 115 | | | | | | | | | | | | |
| 116 | | | | | | | | | | | | |
| 117 | | | | | | | | | | | | |
| 118 | | | | | | | | | | | | |
| 119 | | | | | | | | | | | | |
| 120 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€7,641.43** | **€7,641.43** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€58,616.19** | **€58,611.58** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€66,257.62** | **€66,253.01** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

B

**Lista ta' dhul - Awwissu 2011**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | others | €16.39 |
| 0001 | Annual allocation from Government | €0.00 |
| 0015 | Other Government Income | €0.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €0.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €1,096.50 |
| 0023 | Cultural activities | €354.00 |
| 0024 | Football ground hire | €0.00 |
| 0025 | Skip Permit | €42.92 |
| 0026 | Crane Permit | €472.81 |
| 0027 | Kiosk Permit | €791.86 |
| 0028 | Outside activity permit | €25.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc. | €511.07 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €139.77 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €1,481.59 |
| 0033 | Payment for damages to public property | €0.00 |
| 0036 | Contraventions | €0.00 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €205.40 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €0.00 |
| 0121 | Advertising | €0.00 |
| 0125 | Trenching permits | €13.98 |
| 4006 | Contractors guarantees (refundable) | €920.00 |
| 4007 | Other refundable deposits | €0.00 |
| | **TOTAL** | **€6,071.94** |

C

**Lista ta' ordnijiet - Awwissu 2011**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 08/08/2011 | 3644 | JGC Ltd | Tappijiet ghall-play structures | €37.50 |
| 08/08/2011 | 3645 | Charles Sant | Skip service at NLC | €65.00 |
| 08/08/2011 | 3646 | DOI | Advert in Gov. Gaz. tender T002- Service of an Architect | €9.32 |
| 08/08/2011 | 3647 | DOI | Advert in Gov. Gaz tender T003 - Resurfacing and patching | €9.32 |
| 08/08/2011 | 3648 | DLG | Advert in TMI tender T002- Service of an Architect | €50.00 |
| 08/08/2011 | 3649 | DLG | Advert in TMI tender T003 - Resurfacing and patching | €50.00 |
| 08/08/2011 | 3650 | Archway Ironmongery | Bolts + Nuts, washers, plastic case for main switch, 50 mtrs cable, clips, etc | €116.69 |
| 08/08/2011 | 3651 | Carmen Micallef | tution general fitness/ pilates (classes May to July11) | €400.00 |
| 08/08/2011 | 3652 | Clifford Vella | 2 books (l-Imtieħen tat-tħin tal-qamħ fil-gżejjer Maltin) | €25.00 |
| 22/08/2011 | 3653 | Archway Ironmongery | Tin spray, discs, masking tapes, garbage bags | €32.10 |
| 22/08/2011 | 3654 | J & S Store | crease oil, garbage bags, araldite | €28.01 |
| 23/08/2011 | 3655 | COA Ink & Toner Ltd. | Toner for Office Printers | €181.14 |
| 23/08/2011 | 3656 | Spiral Design Ltd | Production & supply of cut out letter ring for Civic Centre facade | €757.56 |
| 23/08/2011 | 3657 | Mailbox Services Group | Distribution of flyers - bic | €17.70 |
| 23/08/2011 | 3658 | JB Stores | Drapp ghall-kostumi tradizzjonali | €52.76 |
| 25/08/2011 | 3659 | Hydrolectric Ltd | New electrical sockets for conference table | €112.22 |
| 29/08/2011 | 3660 | Inspirations art decorations | wrapping paper & ribbon | €100.30 |
| 29/08/2011 | 3661 | Custom Lab Ltd. | photobooks | €140.00 |
| 30/08/2011 | 3662 | DLG | Advert published TMI - Booklet 31/8/2011 | €29.25 |
| 30/08/2011 | 3663 | Honey and Cream | Finger food for MCCF Activity | €206.74 |
| 30/08/2011 | 3664 | Charlie Mifsud | Service of truck - Bulky activity - BIC | €50.00 |
| 31/08/2011 | 3665 | Dentrade Co Ltd | Drinks for MCCF activity | €86.90 |
| 31/08/2011 | 3666 | Green Supplier | Flower arrangement - Activity MCCF | €47.20 |
| 31/08/2011 | 3667 | Piscopo Garden Centre | Sterilizer - fountain at Pjazza Vittorja | €160.00 |
| | | | **Total** | **€2,764.71** |